MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Numru. 995/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Angelo Zahra ta’ 26 sena mwieled Pieta’ nhar is-6 ta’ Lulju 1984, iben Angelo u Victoria nee’ Abela residenti gewwa ‘Sterilitzia’, Triq il-Gellewza s-Sewda, Attard u detentur tal-karta ta’l-identita 343384 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Angelo Zahra li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

1. Fit-22 ta’ Mejju 2008 ghal habta ta’ 22.25hrs fi Triq Birkirkara, Attard minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, involontarjament ikkaguna ferita ta’ natura gravissima fuq il-persuna ta’

Anthony Grech minn Hal Balzan skond kif iccertfikat Dr. Juanita Agius M.D.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAZ 629 ta'l-ghamla Isuzu li kellha l-brejkijiet, il-molol jew xi bicca ohra mekkanika essenzjali difettuza.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostazni saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluza.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-6 ta' Novembru 2008 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi s-sinistru stradali mertu ta' dina l-kawza sehh meta l-parti leza Anthony Grech gie investit mill-vettura misjuqa mill-imputat u dana filwaqt illi huwa kien qieghed jaqsam fi Triq Birkirkara gewwa H'Attard vicin il-lukanda Corinthia u il-Palazz Presidenzjali ta' San Anton. Jidher illi l-parti leza kien ghadu kemm hareg mil-lukanda Corinthia fejn huwa jahdem. Kienu ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' fil-ghaxija. Illi mill-provi akkwiziti f'dana il-process jidher illi ma kien hemm l-ebda xhud okulari ghal dana l-incident ghajr ghal vittma u l-imputat. Grech isostni illi hekk kif hareg mil-lukanda huwa erhilha lejn iz-zebra crossing sabiex jaqsam it-triq peress illi l-vettura tieghu kienet ipparkeggjata fuq in-naha l-ohra tat-triq. Jghid illi huwa hares qabel ma qasam u ma osservax vetturi, izda hekk kif kien qed jaqsam it-triq jghid illi intlaqat minn vettura u ma jiftakar xejn wara dan ghax intilef minn sensieh u spicca rikoverat l-isptar. L-imputat minn naha tieghu isostni illi huwa kien

niezel mid-direzzjoni ta’ H’Attard lejn B’Kara vicin il-gonna ta’ San Anton fin-naha tal-lemin tal-karreggjata meta f’daqqa wahda sab lil Grech f’nofs tat-triq u laqtu. Huwa jsostni illi Grech ma kienx qieghed fuq iz-zebra crossing. Jidher illi hekk kif ghafas il-brejk malli lemah lil Grech il-brejk ma zammx sew u il-vettura gibdet lejn il-genb. Ma’ l-impatt Grech spicca ittajjar diversi metri ‘il boghod u spicca taht karozza li kienet ipparkeggjata ftit iktar ‘l isfel. Is-suldat li kien ghassa mal-Palazz Presidenzjali cempel ghall-ambulanza izda jidher illi huwa ma rax l-incident isehh ghax hares biss meta sema’ il-hoss ta’l-impatt. Illi Grech sofra feriti ta’ natura gravi u ghal xi hin kien anke jinstab fil-periklu tal-mewt minhabba d-daqqa li kien qala’ fuq rasu.

Illi saret Inkjesta Magisterjali u l-esperti hejjew ir-rapporti taghhom li minnhom tinghata indikazzjoni dwar id-dinamika ta’ dana l-incident. Illi fl-ewwel lok mir-rapport ta’l-espert tekniku Joseph Zammit jirrizulta illi l-vann misjuq mill-imputat kellu difett fil-braking system tieghu. Fost affarijiet ohra Joseph Zammit ighid:

“Illi minn ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq din il-vettura sab li din kienet qed tinsaq f’kundizzjoni qadima hafna u traskurata u minbarra dan kienet ukoll qed tinstaq fit-triq b’difetti fuq is-sistema hajdrolika fuq il-brakes tieghu li dawn sabiex jorbtu kien jinhtieg li tigi ippumpjata s-sistema hajdrolika sabiex titla’ l-pressjoni u anke meta din il-pressjoni titla’ jkun mehtieg li fuq il-brake tintuza sahha kbira sabiex ikun hemm xi speci ta’ funzjoni fuq is-sistema tal-brakes”[1]

Illi fit-tieni lok mill-pjanta imhejjija mill-Perit Richard Aquilina u mir-ritratti esebiti mis-Scene of Crime Officers, jirrizulta illi fuq il-post ta’l-incident instab brake mark ta’ 58 pied li jaqsmu min-naha tal-lemin lejn ix-xellug ghat-tela’. Dana jindika il-mod kif rabtu il-brakes tal-vann misjuq mill-imputat, il-post fejn huwa beda izomm il-brake u fejn dawn jispiccaw, ezattament kif tispicca l-istess zebra crossing.

[1] Ara rapport ta’l-espert Joseph Zammit a fol.68

Inoltre fl-istess post fejn jispiccaw dawn il-brake marks hemm indikat li instabet roqgha bi ftit frak irqieq tal-hgieg.[2]

Illi fit-tielet lok jidher illi l-hsara fuq it-trakk kienet konsiderevoli, tant ghalhekk illi jidher illi kien hemm impatt frontali u qawwi. It-trakk kellu il-front grill imkisser, bil-front panel mahbut u mghattan fuq il-lemin. Il-windscreen fuq quddiem lejn in-naha tal-lemin giet imkissra u imbuzzata ‘l gewwa.[3]

Illi dana l-incident stradali sehh jekk mhux fuq iz-zebra crossing, kif issostni l-vittma, almenu sehh vicin hafna dina iz-zebra crossing jekk wiehed ikollu joqghod fuq it-tezi ta’l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi skond ir-regolament 89 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur, ***"…meta triq tkun immarkata b' linji bojod paralleli jew b' sinjali ohra biex juru post ta' qsim ghall-uzu ta' nies bil-pass, il-vetturi kolha li jkunu qed jersqu lejn dak il-post ghandhom imexxu bil-mod u, jekk ikun hemm bzonn, ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu dak il-post ta' qsim, u ma ghandhom f' ebda kaz jaqsmu l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzaw dak il-post ta' qsim."***

Imbaghad il-paragrafu 124 ta' "The Highway Code" jirrakkomanda li :-

***"<u>When approaching</u>*** **(sottolinjar tal-Qorti)** ***a PEDESTRIAN CROSSING always be ready to slow down or to stop so as to give way to pedestrians; give them the right of way on these crossings...."***

Illi dana il-punt gie mistharreg fil-fond f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (sede inferjuri per. Imhallef J.Galea Debono) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat

---

[2] Ara rapport u il-pjanta imhejjija mill-Perit Richard Aquilina a fol10 et seq

[3] Ibid.1

deciza fit-22 ta’ Novembru 2007. Il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal gurisprudenza kopjuza f’dan ir-rigward. Il-Qorti stqarret:

“"***Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."***
(**App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)**

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

***"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."*** **(App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).**

***"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx***

***jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."*** **(App. Krim. "Il-Pulizija vs. George Muscat" [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)**

Gie ukoll ritenut li "***ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva."*** **(App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Formosa" Kollez. XLIII, p.iv. p.1023)**. F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. *"**meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"*** **(App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920)** jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" **Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765).”**

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta’ pedestrian. Il-Qorti kompliet:

***“Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet***

***a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;***
***b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;***
***c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*"**

Il-Qorti kompliet tghid:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "***Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".*** **(App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Vella" - [10.8.1963]** )
u li "***min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"*** **(Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla" [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968].**

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam," (f'dana il-kaz il-vittma kienet mara) "**dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex - apparti mill-fatt li fuq il-*pedestrian crossing* hi kellha tinghata precedenza mill-awtista - f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: "Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri" [16.3.1961]; "Il-Pulizija vs. John Polidano"[3.11.1963]"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud" (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence*"**

**ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."Il-Pulizija, vs. P.Vassallo", [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).**

***Imbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar.*"**

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri: "**Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."**

Illi maghdud dana kollu jirrizultaw zewg fatturi importanti sabiex jigi determinat ir-responsabbilta' ghal dana is-sinistru:

1. Illi l-imputat kien qieghed javvicina pedestrian crossing, kellu vizwali tajba tat-triq dritta li kellu quddiemu, triq li kienet imdawwla sew u ghalhekk messu zamm *a proper lookout* kif trid il-ligi. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat jghid illi f'daqqa wahda sab lil Grech f'nofs tat-triq meta kellu vizwali tajba ta' dak kollu li kien qed jigri madwaru.

2. Illi l-imputat messu naqqas il-velocita tieghu u esplora dak kollu li kien qieghed jigri vicin il-pedestraian crossing u mhux baqa’ ghaddej bl-istess velocita’. Illi l-Qorti ma taqbilx mat-tezi tad-difiza illi Grech intlaqat iktar ‘il fuq miz-zebra crossing u dana peress illi jidher illi l-vittma intlaqat proprju fuq iz-zebra crossing fejn instab il-frak tal-hgieg mill-vettura tal-imputat. Li kieku Grech intlaqat iktar ‘il fuq il-hgieg kien jinstab f’dak il-post u mhux iktar ‘il isfel. Madanakollu anke jekk ghal grazzja ta’l-argument l-incident sehh fejn l-imputat immarka bl-ittra X fuq il-pjanta esebita mill-perit tekniku, jidher illi dana il-punt huwa ferm vicin iz-zebra crossing u kwindi l-imputat hawnhekk messu kien diga qieghed attent ghal dak li qed jigri u naqqas il-velocita ghaliex kien wasal proprju vicin iz-zebra crossing.

3. Illi l-imputat messu assigura ruhu illi l-vettura li kien qieghed isuq kienet vettura li tista’ toffri is-sigurta kollha fit-triq kemm lilu kif ukoll lill-utenti l-ohra tat-triq u mhux jazzarda isuq vettura li kienet difettuza bil-braking system ma jorbotx sewwa. Li kieku il-vettura kienet wahda li tiffunzjona sewwa forsi dana s-sinistru strdali seta’ jigi evitat

Maghdud dana kollu ghalhekk l-imputat certament ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta ghal dana l-incident. Illi huwa minnu illi Grech x’aktarx kien xi ftit negligenti meta qabad u qasam minn fuq z-zebra crossing u dana peress illi l-Qorti ma tistax tifhem kif jghid illi lit-trukk ta’l-imputat ma kienx avvistah, izda din in-negligenza kontributorja tal-vittma ma tezonerax lill-imputat mir-responsabbilta’ penali ghal dana is-sinistru.

Illi ghalkemm is-sewqan ta’l-imputat jista jitqies bhala sewqan traskurat u negligenti, izda il-Qorti tistqarr illi ma tistax tqisx is-sewqan tieghu bhala wiehed perikoluz. Ma jidhirx illi l-imputat kien qieghed isuq b’xi velocita eccessiva jew b’mod illi kien ta’ periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Illi kif diga inghad l-fatt illi t-trukk ta’l-imputat kellu s-sistema tal-brakes difettuza wassal ghal dana l-incident li forsi seta’ gie evitat li kieku il-vettura kienet f’kundizzjoni tajba.

Illi finalment il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll in-nuqqas ta' responsabbilta' ta' l-employer ta'l-imputat li ippermetta lill-impjegati tieghu juzaw trukk li kellu l-fuq minn ghoxrin sena jinsaq fit-triq meta ma kienx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u kien fi stat traskurat hafna. Illi l-imputat ghalhekk messu iktar qaghad attent fis-sewqan tieghu meta kien jaf illi dana it-trukk kien tali illi ma setax joffrielu is-sigurta kollha mehtiega waqt is-sewqan.

Illi ma hemmx dubbju illi Anthony Grech sofra griehi ta' natura gravi f'dana l-incident u dana kif jirrizulta mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri, l-espert nominat mill-Qorti. Illi minn dana ir-rapport jirrizulta illi l-feriti sofferti minn Grech kienu jikkonsistu f'diversi fratturi li irrendew il-griehi gravi per durata tant illi l-istess Grech ghadu jilmenta li qed isofri minn mankament permanenti minhabba f'dana l-incident.[4]

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputat, u il-fatt illi l-imputat ma kienx jahti wahdu ghal dana l-incident, ghalkemm l-ikbar responsabbilta' ghall-istess kienet unikament tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 225, 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u regolament 93 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta'€1281.38 in konnessjoni ma'l-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

[4] Ara rapport ta' Dr Mario Scerri a fol.94 et. seq.

---------------------------------TMIEM---------------------------------